# Is-sajd mill-irdumijiet fl-inħawi ta' Sannat

minn George Azzopardi

Prattika li llum wieħed jista' jgħid li spiċċat minn Ta' Sannat kienet dik tat-tixbit ma' l-irdumijiet fl-inħawi ta' Sannat stess għas-sajd tal-ħut, partikolarment il-kaħli. Dan it-tip ta' sajd kien għadu jiġi pprattikat sew sa madwar sittin sena ilu, iżda gradwalment beda jinqata' u llum nistgħu ngħidu li spiċċa għal kollox.

Dan is-sajd kien isir minn diversi rdumijiet fl-inħawi ta' Sannat: fost oħrajn minn Ta' l-Iżgied u Ta' Bolonja (it-tnejn li huma jinsabu bejn il-Kantra ta' Mġarr ix-Xini u Ras in-Newwiela), minn Ras in-Newwiela, L-Ikbiex, Għar Ilma, Il-Mentqa, mill-irdumijiet iktar għoljin tal-Qortin il-Kbir, minn Taħt l-Għerien (fid-dawra bejn il-Qortin il-Kbir u ċ-Ċnus), miċ-Ċnus, Ta' Seguna, Tal-Bardan, u mis-Sanap. Kien sajd perikoluż għax is-sajjieda kellhom jixxabbtu ma' rdumijiet bosta drabi għoljin u weqfin.

Minħabba li matul il-ġurnata kienu jkunu għax-xogħol, ġeneralment fil-barrieri jew fl-għelieqi, u l-ġurnata tax-xogħol kienet ittul "minn dlam sa dlam" għax kienu jibdew ix-xogħol minn qabel jisbaħ u kienu jispiċċaw wara li jidlam, is-sajd mill-irdumijiet kien isir, mill-biċċa l-kbira, matul il-lejl. Għal dan il-għan, kienu jieħdu magħhom xi fanal minħabba d-dlam.

Biex jixxabbtu jekk bil-lejl, bil-għajnuna tad-dawl mill-fanal kienu jużaw ħbula. Fil-każ ta' rdumijiet għoljin kien jintuża iktar minn ħabel wieħed: kienu jinżlu b'ħabel sa ċertu tul 'l isfel mnejn, imbagħad, kienu jkomplu neżlin biċċa oħra 'l isfel b'ħabel ieħor u jibqgħu sejrin hekk skond l-għoli ta' l-irdum sa x'ħin kienu jaslu fil-post mnejn kienu soltu joqogħdu jistadu. Bl-istess mod kienu jitilgħu 'l fuq wara li kienu jispiċċaw is-sajda.

Biex jiddendlu mal-ħabel, kienu jdaħħlu tarf il-ħabel f'għamla ta' ħolqa jew ingassa ġo marbat ġeneralment f'għamla ta' ħotba, xi ftit jew wisq, tonda u mqatta' fil-blat. Kien ikun hemm marbat ma' xifer l-irdum fuq nett minn fejn kien jiddendel l-ewwel ħabel (f'każ t'iktar minn ħabel wieħed) u, mbagħad, marbat ieħor kull fejn kien jiddendel ħabel ieħor l'isfel ma' tul l-għoli ta' l-irdum. Iservu bħala alternattivi għal dawn it-tip ta' mrabat, kien ikun hemm ukoll toqob



imniffdin jew imqattgħin fil-blat b'mod li jinfdu minn naħa għal oħra u, allura, wieħed seta' jorbot ġo fihom tarf ta' ħabel, jew inkella forsi saħansitra formazzjonijiet naturali fil-blat jekk mhux ukoll zkuk ta' siġar b'saħħithom biżżejjed li setgħu jservu għall-istess skop.

Ċerti postijiet (ma' l-irdumijiet) jidher li kienu magħrufin iktar minn oħrajn għas-sajd; forsi wkoll għax dawn il-postijiet partikolari kienu joffru post adattat għas-sajd, iżda l-iktar għax kienu magħrufin għall-qbid tal-ħut. Fost dawn il-postijiet insibu dak magħruf bħala "l-Faqma" fiċ-Ċnus. Il-Faqma huwa biċċa rdum żgħir ħafna u mqabbeż 'l barra mill-kumplament ta' l-irdumijiet. Dan l-irdum jidher li kien magħruf mas-sajjieda tant li max-xifer fuq nett ta' dan l-irdum, fejn l-ispazju huwa pjuttost limitat, insibu mhux inqas minn erba' mrabat viċin xulxin. Wieħed partikolari jista' jkun li kien tħaffer u beda jintuża minflok ieħor ħdejh li għandu l-"ħotba" mtajjra. Post ieħor fejn hemm ukoll konċentrazzjoni ta' mill-inqas erba' mrabat (f'dan il-każ, ilkoll toqob imniffdin fil-blat) viċin xulxin u, allura, indikazzjoni li kien ukoll post magħruf għas-sajd jinsab fuq nett max-xifer fit-tarf tal-Qortin il-Kbir li jħares lejn il-Lbiċ u magħruf bħala "l-Mentqa".

Irid jingħad ukoll li t-tixbit ma' l-irdumijiet ma kienx isir biss għas-sajd tal-ħut iżda, xi drabi, wkoll għall-qbid taċ-ċief, tal-frieħ tal-barbaġann jew tal-bies, għall-ġbir tal-bajd tal-gawwi u, saħansitra, ġieli wkoll għall-ġbir ta' ħatab u zkuk li kienu jikbru mix-xquq ta' l-irdumijiet.

Iċ-ċief joħroġ itir bil-lejl filwaqt li matul il-ġurnata jfittex il-kenn f'toqob jew xquq fondi fl-irdumijiet. Biex jaqbdu ċ-ċief, kienu jiddendlu ma' l-irdum sa x'ħin, ġo xi toqba jew xaqq fond, kienu jsibu xi ċiefa (jew iktar minn waħda) tistkenn hemm ġew. Kienu jagħtu n-nar lil biċċa xoqqa jew xkora ħażina li kienu jkunu niżżlu magħhom apposta u jqiegħduha fil-bokka tat-toqba jew xaqq. Meta ċ-ċiefa kienet tħossha ser tifga bid-duħħan li kien jidħol fit-toqba jew xaqq, kienet tipprova toħroġ iżda kienet tinqabad hi u ħierġa. Ġeneralment, kienet tinqatel fil-post u tittella' 'l fuq ġo xi xkora. Ovvjament, il-qbid taċ-ċief kien isir matul il-jum u kien jinqabad biex il-laħam tiegħu jinxtewa', jitqatta' kkapuljat u, wara li kien jiġi mħallat mal-ful mitħun, kien jintuża bħala għalf waqt is-sajd għall-ħut. Minn fost irdumijiet oħrajn, il-qbid taċ-ċief kien isir mill-irdumijiet tal-Qortin il-Kbir u tal-Mentqa minn fejn kien isir ukoll is-sajd għall-kaħli (u anke għal ħut ieħor).

Mill-banda l-oħra, kien inqas diffiċli għall-frieħ tal-barbaġann u tal-bies biex jinqabdu għaliex, billi kienu jkunu għadhom frieħ, ma kinux itiru. Iżda bosta drabi dawn il-frieħ, speċjalment dawk tal-barbaġann, kienu jkunu f'postijiet inaċċessibbli fl-irdum. Ġewwa għar li jinsab Taħt l-Għerien (fid-dawra bejn il-Qortin il-Kbir u ċ-Ċnus), kien magħruf li jbejjet il-barbaġann. Iżda billi dan l-għar huwa diffiċli biex jintlaħaq għax jinsab 'l ġewwa taħt xifer, min kien jiddendel għall-frieħ tal-barbaġann kellu wkoll joqgħod jitbandal bl-istess ħabel f'attentat biex jagħti s-salt sa x'ħin kien jirnexxilu jaqbad tajjeb mal-blat tal-għar u jidħol għall-frieħ tal-barbaġann. Kont trid kuraġġ kbir biex toqgħod titbandal imdendel f'dak l-għoli kollu bejn sema u ilma. Minn Taħt l-Għerien kienu jiddendlu wkoll għas-sajd tal-kaħli.

Kif diġa' għidna, ġieli kienu jiddendlu wkoll għall-ġbir ta' ħatab u zkuk li kienu jikbru mix-xquq ta' l-irdumijiet. Wara li kien jinqata' mill-post, il-ħatab

ġieli kien jintrabat f'qatet u jittella 'l fuq permezz ta' ħabel fuq tarjola mwaħħla ma' gubja f'xifer l-irdum. Dawn il-ħatab u zkuk kienu jingħataw lil tal-fran biex bihom iqabbdu n-nar u jaħmu l-fran. Kien żmien ta' faqar meta kull biċċa zokk jew ħatba kienu jinġabru, anke jekk kien hemm bżonn li jixxabbtu ma' xi rdum għalihom.

Saħansitra mill-Misraħ (fejn illum hemm il-lukanda Ta' Ċenċ) kienu jniżżlu mogħoż waħda, waħda ġo xkora fuq dahar ir-ragħaj (jew fuq spallejh mingħajr l-użu ta' xkora) li kien jiddendel b'ħabel fuq biċċa xifer li kien 'l isfel daqs nofs l-għoli ta' l-irdum taħt ir-riħ ta' l-Misraħ. Il-mogħoż kienu jitħallew għal ċertu żmien (ġieli għal madwar tlitt xhur) jirgħu fuq dan ix-xifer kollu ħaxix imbagħad, wara, kienu jerġgħu jittellgħu 'l fuq bl-istess mod li bih kienu jkunu tniżżlu.

Madankollu, taħt ir-riħ ta' għar magħruf bħala "Għar ix-Xemx" li jinsab fuq nett mad-dawra tal-Ponta ta' Ras in-Newwiela lejn il-Lvant, wieħed seta' (u għadu jista') jinżel jistad fuq żewġ blatiet magħrufin bħala "Il-Mejdiet" viċin ħafna tal-baħar mingħajr l-użu ta' ħbula. Huwa post fejn l-irdum mhux daqstant wieqaf u lanqas għoli.

Li t-tixbit ma' l-irdumijiet sew jekk għas-sajd, kemm jekk għar-raġunijiet l-oħra li semmejna kien perikoluż huwa kkonfermat mid-diversi inċidenti li ġieli ġraw fejn, mhux darba jew tnejn, individwi waqgħu għal isfel u, b'eċċezzjonijiet rari, dejjem tilfu ħajjithom. Ġieli, saħansitra, l-katavri tagħhom damu ġranet sakemm instabu fil-baħar u ġieli kien hemm uħud li baqgħu ma nstabu qatt ukoll.

Triq ix-Xabbata fir-raħal tagħna ta' Sannat għadha tfakkar f'din il-prattika ta' l-imgħoddi u f'dawk is-sajjieda li, biex jistadu, kienu jixxabbtu jew jiddendlu ma' l-irdumijiet fl-inħawi ta' Sannat b'tant sogru għal ħajjithom.

N.B. Dan it-tagħrif huwa bbażat fuq informazzjoni ġentilment mogħtija minn anzjani (li xi wħud minnhom illum mietu) minn Ta' Sannat u li jiftakru tajjeb din il-prattika tat-tixbit ma' l-irdumijiet. L-artiklu kien diġa' deher is-sena l-oħra fuq ir-rivista maħruġa mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Margerita. Iżda din is-sena qiegħed jerġa jidher f'dan il-Programm b'żieda ta' bosta tagħrif ġdid.




*James Azzopardi*
*Statwarju*

*Nagħmel Statwi ta'Kull Daqs, u*
*Xogħol Relatat Mal-Festi*

*Tel. 21565685 / Mob. 99877505*